# Dar Doreen Micallef – Is-Sede Ġdida tal-Akkademja tal-Malti

Nhar l-Erbgħa, l-1 ta' Frar 2012, il-President ta' Malta l-E.T. Dr George Abela se jżur is-sede l-ġdida tal-Akkademja tal-Malti, Dar Doreen Micallef, fl-indirizz il-ġdid tagħha: 12, Triq Sant'Andrija, il-Belt.

Il-ftuħ uffiċjali ta' Dar Doreen Micallef sar nhar l-14 ta' Novembru 2011 – jum it-twaqqif tal-Akkademja tal-Malti bħala l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti – minn Dr Louis Galea, ir-Rappreżentant Malti fil-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Dr Galea kien għadda ċ-ċwievet ta' din id-dar lil Akkademja meta kien Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol fil-Laqgħa Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2005. Huwa kien stinka biex il-post li kienet toqgħod fih il-poetessa Doreen Micallef jingħata lill-Akkademja biex jintuża bħala s-sede tagħha, fuq parir ta' Francis Galea u Mario Azzopardi.

Id-dar kienet spiċċat fi stat ta' telqa kbira wara l-mewt tal-poetessa. Il-kunsill preżenti daħal għall-isfida biex id-dar jagħmilha abitabbli mill-ġdid u bil-għajnuna kbira tal-Onor. George Pullicino, Ministru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, nhar il-25 ta' Jannar 2011 fil-Gazzetta tal-Gvern deher avviż nru 6/2011 biex jibdew "xogħlijiet ta' rinovar f'nru 12, Flat 1, Triq Sant'Andrija, il-Belt".

Il-kunsill ħa ħsieb li d-dar tibqa' tifkira ta' Doreen Micallef billi ssemmiet għall-poetessa u twaħħlet irħama mal-faċċata tad-dar li tikkommemoraha. Kamra minnhom hi ddedikata lill-poetessa billi fiha tqiegħdu t-tifkiriet tagħha, fosthom it-tajprajter, ċertifikati, korrispondenza u dokumentazzjoni marbuta ma' ħajjitha.

Għall-inawgurazzjoni attendew ħbieb ta' Doreen Micallef u fost il-membri tal-Akkademja kien hemm Prof. Manwel Mifsud (President tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti); Dr Bernard Micallef (Kap tad-Dipartiment tal-Malti), Prof. Oliver Friggieri u Rev. Prof. Peter Serracino Inglott li bierek id-dar. Wara diskors minn Carmel Azzopardi, il-President tal-Akkademja, inqraw żewġ poeżiji ta' Doreen Micallef minn Francis Galea u Marlene Saliba u wara d-diskors ta' Dr Louis Galea, inkixfet lapida b'tifkira.

Għal dawn l-aħħar ħamsin sena, l-Akkademja kienet tiltaqa' u żammet l-arkivju tagħha f'Palazzo Carafa imma fl-aħħar snin il-kunsill kien jiltaqa' l-Università ta' Malta jew id-Dipartiment tal-Malti. Għal xi snin il-laqgħat kienu jsiru wkoll fil-Palazz, il-Belt. Kien fi żmien it-tabib Ġużè Galea li l-Akkademja nġabret f'Palazzo Carafa fi Triq il-Fran billi kriet żewġt ikmamar f'dan il-Palazz. Aktar qabel, il-kunsill kien jiltaqa' fid-dar tal-"Unione Cattolica San Giuseppe" (fejn kien hemm l-Empire Press fi Triq San Pawl). Wara t-Tieni Gwerra Dinjija l-kunsill kien jiltaqa' f'dar numru 10b, Triq l-Iskoċċiżi, illum magħrufa bħala Triq M.A. Vassalli.

---

## Doreen Micallef

Doreen Micallef twieldet il-Furjana fil-31 ta' Mejju 1949 u studjat il-filosofija u l-letteratura moderna Ewropea fl-Università ta' Malta. Speċjalizzat fil-letteratura Maltija u Ingliża u kisbet MA fil-letteratura, diploma fir-relazzjonijiet umani u diploma fil-teorija politika.

Micallef rebħet ir-Redifussion Golden Star tliet darbiet għall-aqwa teledramm (1969, 1971, 1972) u ngħatat il-Phoenician Cultural Award fl-1984. Uħud mill-poeżiji tagħha dehru f'rivista tal-poeżija fl-Istati Uniti (1973). Doreen Micallef ippubblikat kemm poeżiji kif ukoll proża u wħud mix-xogħlijiet tagħha dehru fl-antoloġiji *Linji Ġodda* (1973) u *Ilħna Mkissra* (1992). Il-pubblikazzjonijiet tagħha huma: *Wiċċ Imb Wiċċ u drammi oħra* (1972); *Fit-Triq tal-Empirew* (1975); *De Profundis* (1979), *Kyrie* (1979) u *Il-Leġġenda tal-Lejl* (1984).

Minkejja s-solitudni ta' bniedma introverta għall-aħħar, mara li qatt ma kienet fiżikament b'saħħitha, kienet tħobb tissoċjalizza wkoll, iżda dejjem b'xi suġġett profond għad-diskussjoni u b'saħħa mentali enormi. Kienet bniedma li tistaqsi ħafna u kultant iġġibek fid-dubju jekk hix tagħtik tagħrif jew inkella hix qiegħda tagħmel mistoqsija.

Kienet titkellem u taħseb bi stil proża-poetiku. Is sentimentaliżmu, ribelljoni, qilla, rabja u determinazzjoni kienet tinsiġhom f'versi poetiċi ġo moħħha. Jekk imbagħad kienet tkun fil-burdata kienet tiktibhom, jekk le kienet tħallihom itiru mar-riħ.

Araha dejjem itterraq fis-solitudni tat-toroq tal-Belt Valletta. Għexet ħajja fqira, kwieta u umli msejsa fuq it-twemmin tagħha. Forsi l-akbar ħbieb li kellha kienu l-qtates. Kienet tippreferi tibqa' bil-ġuħ hi, iżda qatt ma tfalli milli tixtri l-ikel għall-qtates fil-viċinanza ta' fejn kienet tgħix.

Doreen Micallef mietet nhar l-1 ta' Diċembru 2001 fl-eta ta' 52 sena. Għall-funeral tagħha attendew numru miżeru ta' nies. Ma kien hemm ebda qraba tagħha għax ma kellhiex. L-Ilsien Malti u l-Letteratura tagħna tilfu bniedma qalbiena li minkejja l-fraġilità tagħha dejjem tkellmet u kitbet bla biża' u bla tidwir.